Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2541

26.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2541

tat-23 ta' Settembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni 2009/908/UE li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/881/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2009/908/UE ([2]) l-Kunsill stabbilixxa miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2009/881/UE. Il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijiet Barranin hija organizzata fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/908/UE.

(2) Fis-17 ta' Lulju 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-gvernijiet tal-Istati Membri approva, f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill stipulati fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE ([3]), l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar l-Industrija tad-Difiża (DIWP) bħala korp preparatorju tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

(3) Fid-dawl tan-natura orizzontali tad-DIWP u r-responsabbiltajiet tiegħu għall-atti leġiżlattivi, jenħtieġ li dan jiżdied mal-kategorija 3 tal-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijiet Barranin, u jenħtieġ li jiġi previst li d-DIWP jiġi ppresedut mill-Presidenza b'rotazzjoni ta' kull sitt xhur.

(4) Għalhekk l-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/908/UE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/908/UE huwa emendat kif ġej:

(1) fl-ewwel paragrafu, il-punt 3, għandu jiżdied l-inċiż li ġej:

"— Grupp ta' Ħidma dwar l-Industrija tad-Difiża (DIWP).";

(2) fit-tabella, il-punt 3, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Grupp ta' Ħidma dwar l-Industrija tad-Difiża (DIWP)".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

FELDMAN Z.

([1]) ĠU L 315, 2.12.2009, p. 50.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/908/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill (ĠU L 322, 9.12.2009, p. 28).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).